TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/192/15/S

John Cachia
Vs
Melita p.l.c.

Illum 12 ta'Mejju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' John Cachia pprezentata fit-8 t'Ottubru,2015 u r-risposta tas-socjeta Melita plc ipprezentata fit-23 t'Ottubru,2015 kif ukoll il-kontro-talba ta'din is-socjeta ipprezentata fit-23 t'Ottubru,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u l-avukati taghhom kif ukoll it-trattazzjoni maghmula fis-seduta tas-17 ta'Marzu,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda uzu ta' "internet key" f'pajjiz barra mill-Ewropa u r-rikorrenti qed jilmenta li ma kien hemm ebda avviz dwar il-hlas esorbitanti ta' dan l-uzu. Is-socjeta intimata sostniet li s-servizz li r-rikorrenti abbona ghalih kellu limitu u r-rati barra mill-Ewropa huma differenti u setghu jigu ezaminati mir-rikorrenti qabel tali uzu. Fil-kontro-talba taghha s-socjeta intimata qed titlob li r-rikorrenti jhallas is-somma ta' €3003.35. Ir-rikorrenti irrisponda li t-talba tas-socjeta intimata hi infondata fil-fatt u fid-dritt skont ma intqal fl-avviz kif ukoll li l-kontro-talba ma saritx fuq il-formula preskritta;

Illi l-kontro-talba tas-socjeta intimata saret fuq il-formula preskritta kif jidher minn fol 5a tal-atti u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti ma tregix;

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi inoltre dan l-artikolu, hemm ukoll l-artikolu 559 li jistipula li ghandha dejjem issir l-ahjar prova;

Illi fi kliem ir-rikorrenti stess, huwa ma kienx uza din l-'internet key' ghal xi hames snin pero baqa' jhallas il-kera taghha matul il-perjodu kollu;

Illi r-rikorrenti tenna li waqt l-uzu ta'din l-'internet key' f'pajjiz barra mill-Ewropa, ma kien ircieva ebda avviz kemm dwar ir-rati tal-uzu u lanqas dwar l-ammont dovut waqt tali uzu;

Illi l-istess rikorrenti kien ikkonferma li din kienet l-ewwel darba li uza' l-'internet key' barra minn Malta;

Illi jinghad mal-ewwel li *ex admissis* kien nuqqas daparti tar-rikorrenti li ma jiccekkjax ir-rati tal-uzu tal-'internet key' barra mill-Ewropa partikolarment meta din kienet l-ewwel darba li kien se jaghmel uzu minnha;

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

Illi kien zball daparti tar-rikorrenti li minghajr ma saqsa, kien minn ghalih li r-rata ta' €10 fix-xahar tkopri l-uzu ta' din l-'internet key' barra minn Malta;

Illi dan it-Tribunal gja rrimarka f'decizjonijiet ohra li l-konsumatur ghandu jinghata informazzjoni cara u f'waqtha biex ikun f'pozizzjoni jaghgmel ghazla infurmata;

Illi dan it-Tribunal ihoss li ghalkemm il-konsumatur ghandu diversi responsabilitajiet u fil-kaz odjern kellu u seta' jaghmel diversi verifiki kif fuq inghad, l-entita li qed taghti s-servizz ghandha taghmilha facli ghall-konsumatur biex jiehu decizjoni. Ghalhekk dan it-Tribunal ihoss li jkun utli li f'kaz ta'xi servizz uzat barra minn Malta, jekk ikun hemm varjazzjoni fil-prezz, dan ghandu jigi notifikat lill-konsumatur;

Illi mill-provi irrizulta li r-rikorrenti gja inghata skont sostanzjali mill-ammont mitlub inizjalment;

Illi huwa essenzjali li l-kundizzjonijiet marbuta ma' xi servizz jinqraw u jinftehmu qabel tittiehed decizjoni jekk jintuzax tali servizz;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' John Cachia filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Melita plc, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru